MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 223/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Miruzzi)**
**Vs**
**Noel Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-5 t’Ottubru, 2008, ghall-habta tas-19.00 hrs waqt li kien fl-inhawi tal-Buskett, matul l-istagun maghluq ghall-kacca ta’ l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra mill-ghata taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 18(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu multa ta’ mitejn u erbghin Euro (€240).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti f'dan li gej :-

1. Dwar li kien qieghed idur ghall-kacca. Hawnhekk l-impossibbilita' tar-reat peress illi ma nstab l-ebda senter la fil-pussess tieghu u lanqas f'xi vettura li kienet taht il-kontroll tieghu. La kellu pussess materjali, w lanqas pussess kostruttiv. L-iskratac wahidhom ma jistghu jkunu qatt mezz idoneu biex wiehed idur ghall-kacca, peress illi l-iskratac wiehed ma jwaddabhomx bl-isbandola lejn l-ghasafar biex jikkaccja bihom. Jekk ma jkunx hemm l-arma li takkumpanja l-iskratac dawn ikunu biss comb u kartun. Ghalhekk “il-mezz” ma kienx idoneu biex tista' tigi ffurmata tali ntenzjoni w hemm esekuzzjoni tar-reat jew inkella wiehed seta' jiddezumi li kien qieghed idur ghall-kacca;
2. Rigward l-akkuzi l-ohrajn huwa gie akkuzat li kellu arma minghajr ma kienet fl-ghata taghha. La ma kienx hemm arma, certament ma kellu l-ebda ghata ghaliha. Rigward il-munizzjon dan kien qieghed fuq wara tal-vettura fil-but, u ghalhekk kien f'post zgur u certament ma kien qieghed jesponi lil hadd la ghal periklu u lanqas ghal potenzjal li jigi sparat. L-ghata ma tapplikax ghall-iskratac meta jkunu wehidhom u mhux akkumpanjati minn arma;
3. Illi tali skratac ma kienux lanqas f'cintorin imma kienu fil-kaxxa taghhom.

Qieset mill-gdid l-affidavit esebit mac-citazzjoni li hu l-unika prova li ngabet f' dan il-kaz;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mill-imsemmi affidavit jirrizulta li fil-5 t' Ottubru, 2008, ghall-habta tas-7 pm., l-appellant kien gie mwaqqaf mill-Pulizija fl-agwati tal-Buskett, limiti tar-Rabat u fil-bagoll tal-karozza tieghu instabu skratac tas-senter. L-appellant ma jichadx dan il-fatt izda jikkontendi li b' daqshekk hu ma kiser ebda ligi.

Kjarament, ghalkemm fl-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ipotizzat diversi modi ta' kif tista' tinkiser il-ligi fir-rigward ta' reati li jinvolvu kacca illegali, l-unika ipotesi rilevanti ghal kaz in ezami hija dik ta' **garr ta' munizzjon** u dan b' riferenza ghas-sejba ta' skratac bil-bagoll tal-karozza tieghu kif fuq intqal.

Illi l-Ewwel Qorti rriskontrat htija skond ir-Regolament 18 (1) (a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Dan jiddisponi testwalment li:-

*"Minghajr pregudizzju ghar-Regolament 9, l-ebda persuna m' ghandha:*
*(a) waqt l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, tikkaccja, jew tipprova tikkaccja xi ghasfur, jew iggorr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha."*

Fit-test Ingliz :-

*"Without prejudice to regulation 9 no person shall*
*(a) during the closed season for the hunting of birds not at sea, hunt, or attempt to hunt any bird, or carry ammunition or a fire arm outside its case."*
(sottolinear ta' din il-Qorti)

Jidher car li kull wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-ligi, separatament jew flimkien ma ohrajn, jikkostitwixxu ksur tal-ligi u kull ipotesi trid tigi konsidrata wahedha w indipendentement mill-ohrajn. Dan johrog mir-ripetizzjoni tal-kelma "jew" ("or" fit-test Ingliz)

Illi hu minnu li mill-pussess biss tal-iskratac wiehed ma jistax jiddezumi li l-appellant necessarjament kien qed idur

ghal kacca. Ovvjament ukoll li la ma kienx hemm arma involuta, zgur li mhux il-kaz li l-appellant jinstab hati ta' pussess ta' arma minghajr ma kienet fl-ghata taghha.

Pero' din il-Qorti ma taqbilx li ghax l-iskratac kienu fil-*luggage booth* tal-karozza, ma kienx hemm ksur tal-ligi. Din hi dik li tissejjah *"a technical offence"* u ma hemmx ghalfejn jirrizulta xi movent, intenzjoni specifika jew generika konnessa mal-kaccja *per se* jew ma xi tentattiv ta' kacca. Is-semplici garr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ikun jammonta ghall-ksur tal-ligi. Il-fatt li l-iskratax ma kienux ta' perikolu ghal hadd, li ma kienux f'cintorin imma fil-kaxxa taghhom u li ma kienux f' ghata huma konsiderazzjonijiet ghal kollox irrilevanti. Il-htiega tal-ghata ma tikkwalifikax il-"munizzjoni" imma biss l-"arma tan-nar".

Ghalhekk l-aggravji tal-appellant huma gustifkati biss in kwantu ma rrizultax li l-appellant kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja w li ma kienx qed igorr arma tan-nar barra mill-ghata taghha. Pero' r-reat xorta wahda jissussisti in kwantu rrizulta li kien qed igorr fil-karozza tieghu skratac li huma "munizzjoni" f'kull sens tal-kelma.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li dar jew ipprova jdur ghal kacca tal-ghasafar jew li kien qed igorr arma tan-nar barra mill-ghata taghha fi stagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar u minn dawn l-ipotesijiet tilliberah, pero' tikkonfermaha fejn sabitu hati li garr munizzjoni fl-istess periodu projbit u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn u erbghin Ewro (€240).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------